MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Numru. 684/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**GRAZIELLA SANT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Graziella Sant, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 1291 (M).

**Akkuzata talli:**

Fil-21 ta` Lulju, 2013, ghal habta tat-tlieta u nofs ta` filghaxija (15:30hrs) gewwa St. Vincent Flats, Flat 2, Triq Guze Orlando, Birkirkara:

1. Ikkagunat griehi ta` natura gravi fuq Jordan Leli Brown dan skont kif iccertifikat Dr. G. Bonnici, MD Reg. 3214, mill-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

3. U aktar talli filwaqt li kienet qed taghmel reat kontra l-persuna, kellha fuq il-persuna taghha xi arma regolari u ma gabitx prova xort'ohra li kienet qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;
4. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammet u garriet arma li taqta` u bil-ponta minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Jordan Leli Brown kif jidhrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghal-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fil-konfront ta` Graziella Sant u;

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 218 u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikoli 6 u 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata mill-Prosekuzzjoni;

Wara li rat l-artikoli ko-involti, dina l-Qorti tiddeciedi billi ssib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel u t-tieni akkuzi minhabba li ma ngabitx l-ahjar prova u cioe` ix-xhieda ta` Jordan Leli Brown. Jirrizulta wkoll mill-evidenza li taha Dr. Mario Scerri li tali incident kien bhala reazzjoni ghall-xebgha li l-imputata soffriet f'dan l-incident illi attesta ghall-griehi gravi fuq il-persuna taghha. Jirrizulta wkoll mix-xhieda prodotta li din kienet sempliciment reazzjoni ghal tali attakk li ma kienx l-ewwel wiehed izda li kien hemm diversi okkazjonijiet precedenti.

Rigward l-arma, il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja stante li din mhix arma regolari izda dik li tissejjah arma irregolari u cioe` sikkina li kienet fuq il-post u li spiccat f'idejn l-imputata bhala reazzjoni ghax-xebgha li hija kienet qiedgha taqla. Il-Qorti tiddeciedi billi r-reazzjoni tal-imputata kienet gustifikata.

Rigward il-gerha gravi, l-gravita ta` din il-gerha tiddependi biss fuq il-penetrazzjoni tal-gilda ta` Jordan Leli Brown izda ma kienetx serja  u ma poggietx il-hajja tieghu fil-periklu.

Rigward l-istorbju, din lanqas ma tirrizulta stante li l-incident gara fl-appartament fejn kienu jirrisjedu l-imputata u Jordan Leli Brown.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti ma ssibx lill-istess imputata, Graziella Sant, hatja u ghalhekk tilliberaha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------